**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**26 ta' April 2021**

**Rikors Numru 88/2020**

**Lawrence Pavia u martu Georgina Pavia**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Lawrence Pavia u Georgina Pavia** ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:-

*"1. Illi permezz ta' kuntratt iffirmat bejn l-esponenti u l-Awtorità tal-Artijiet intimata nhar it-8 ta' Ottubru, 2019, l-esponenti ħadu b'titolu ta' lokazzjoni s-sit u l-istrutturi li jinsabu fil-Marnisi Area limiti ta' Marsaxlokk (Tenement No. E268694) kif murija delineate bil-kulur aħmar fuq il-pjanta bin-numru ta' referenza P.D.298_66_A_2, annessa mal-istess kuntratt.*

*2. Illi permezz tal-applikazzjoni preventiva tagħhom magħmula mill-Perit Philip Mifsud u li ġġib in-numru ta' referenza PLA1/2020/2299, l-esponenti talbu lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tagħti l-kunsens tagħha senjatament sabiex l-esponenti jkunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom ta' żvilupp ai termini ta' artikolu 71(4) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex ikunu jistgħu jwettqu s-segwenti: "rehabilitation of existing site include a proposed gate and the closing off of an opening in the existing rubble wall. Application includes the construction of an underground reservoir and a small timber structure to serve as a sanitary facility, the replacement of a roof of a pre-1967 structure and the untilisation of the same structure as an artist's studio".*

*3. Illi mal-imsemmija applikazzjoni l-esponenti annettew id-dokumentazzjoni kollha mitluba u neċessarja sabiex it-talba tagħhom tkun tista' tiġi proċessata u sussegwentament deċiża;*

*4. Illi permezz ta' ittra datata nhar id-9 ta' Ottubru, 2020 l-Awtorità appellata nfurmat lill-esponenti li t-talba tagħhom għall-kunsens tagħha ma kinitx qiegħda tiġi milqugħa abbażi ta' żewġ raġunijiet:*

*4.1. "the proposed works are not compliant with the conditions of the current Agricultural Lease Agreement (qbiela) prevailing over the site"*

*4.2. "proposed gate will adversely affect third party rights of passage"*

*5. Illi l-esponenti jħossuhom aggravati minn din id-deċiżjoni u qegħdin jinterponu dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, abbażi tas-segwenti argumenti legali u fatti li fl-umli opinjoni tal-istess esponenti għandhom iwasslu lil dan it-Tribunal sabiex jilqa' l-appell odjern:*

***L-ewwel Aggravju: Nuqqas ta' Motivazzjoni Xierqa***

*6. Illi fl-ewwel lok jirriżulta evidentament li l-Awtorità appellata ma elaborat assolutament xejn dwar il-bażi li wassluha sabiex tirrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti u dan fis-sens li minkejja li l-istess Awttorita' tat żewġ raġunijiet li wassluha sabiex tasal għad-deċiżjoni finali tagħha, m'għamlet xejn sabiex tissostanzja kif waslet għal dawn il-konklużjonijiet.*

*7. Illi l-Awtorità appellata ma tatx imqar spjegazzjoni bażika ta' għalfejn kien qed jitqies li l-applikazzjoni tal-esponenti hija bi ksur tal-kuntratt lokatizju u wisq anqas x'wassal lill-Awtorità tqis li hemm terzi li jgawdu dritt ta' passaġġ u li dan ser jiġi b'xi mod preġudikat jekk l-esponenti jwettqu l-iżvilupp minnhom propost.*

*8. Illi l-Awtorità esponenti naqset milli tagħti spjegazzjoni xierqa tal-konsiderazzjonijiet li wasslu sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha u dan kif ser jiġi elaborat aktar 'il quddiem, partikolarment fid-dawl li kull talba bħal dik odjerna għandha tiġi meqjusa skont iċ-ċirkostanzi u l-fattispecie partikolari.*

*9. Illi l-esponent għalhekk, jinsabu fil-pożizzjoni diffikultuża fejn huma mċaħħda milli janalizzaw u possibbilment jikkritikaw il-mod u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Awtorità appellata tasal għad-deċiżjoni tagħha. L-esponenti jistgħu biss, f'dan l-istadju, jiddikjaraw li huma aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità u li ma jaqblux magħha iżda ma jistgħux ikollhom is-serħan il-moħħ neċessarju li l-Awtorità appellata daħlet fil-fatti specie u fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in kwistjoni u wisq anqas li l-kunsiderazzjonijiet minnha magħmula kienu xierqa, relevanti u in ottemporanza mal-aħjar prassi amministrattiva!*

*10. Illi nonostante li l-Awtorità appellata m'hijiex entita' ġudizzjarja u għaldaqstant il-formalitajiet li wieħed isib f'deċiżjoni mogħtija minn tali entita', bħalma huwa dan l-Onorabbli Tribunal, mhumiex preżenti, dan ma jelimina xejn mill-kunċett li deċiżjoni ta' din ix-xorta, fejn wara kollox jeżisti dritt t'appell quddiem Tribunal u/jew Qrati Maltin, għandha tkun waħda li tagħti ċertezza u s-serħan il-moħħ li dak li qed jiġi deċiż qed isir wara li ġew ikkunsidrati l-fatti specie kollha preżenti fil-każ in kwistjoni u għaldaqstant għandha tkun studjata u motivata. Din il-motivazzjoni hija meħtieġa mhux biss għax hekk jirrikjedi l-prinċipju fundamentali tat-trasparenza u li entita' governattiva bħalma hija l-Awtorità appellata għandha tadempixxi, iżda wkoll sabiex l-esponenti setgħu jingħataw s-sodisfazzjon meħtieġ tar-raġunijiet li wasslu l-istess Awtorità tasal għad-deċiżjoni tagħha u biex fejn ma jaqblux ikunu jistgħu jappellaw.*

*Huwa evidenti li dan is-sodisfazzjon minimu u serħan il-moħħ, id-deċiżjoni in kwistjoni ma tathiex.*

*11. Illi dan qed jingħad anki fid-dawl tal-fatt li l-Awtorità intimata naqset milli tindika liema parti tal-kirja agrikola l-esponenti kienu ser jiksru bit-talba tagħhom. Fil-fatt it-talba tal-esponenti ma tikser l-ebda kundizzjoni tal-kirja viġenti u dak propost mill-esponenti mhux ser iservi biex tiġi preġudikata l-art mikrija.*

*12. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) esprimiet ruħha dwar dan f'deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Jannar, 2004, fil-kawża fl-ismijiet "Max Zerafa vs Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp" fejn ingħad kif ġej: ".... Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar obbligat, bħal kull Qorti, li teżamina l-aggravji tal-appellanti jew is-sottomissjonijiet tal-parti, tindika dwarhom u tagħti d-deċiżjoni tagħha, għaliex fuq kollox dak huwa l-iskop li huwa tenut li deċiżjoni għandha tkun motivata, u dan ukoll sabiex mhux biss il-ġustizzja ssir iżda tidher li qed issir. Dan huwa l-prinċipju li din il-Qorti dejjem imxiet bih u hekk hija obbligata li tagħmel, u bl-istess prinċipji huwa marbut l-istess Bord."*

*13. Illi tali insejament kif applikat għall-Bord tal-Appell dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ċertament għandu japplika għall-Awtorità appellata u għall-proċess addottat mill-istess Awtorità fejn għal kull buon fini qiegħda f'posizzjoni li tiddeċiedi skont il-funzjonijiet mogħtija lilha skont il-liġi. Huwa lampanti l-fatt li l-esponenti lanqas biss jistgħu jkunu f'posizzjoni li jgħarblu l-konsiderazzjonijiet li wasslu l-Awtorità tasal għall-konklużjonijiet tagħha iżda qed ikollhom jistrieħu dwar x'seta' kkonvinċa lill-Awtorità appellata tasal għad-deċiżjoni tagħha;*

*14. In vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata u li minnha qiegħed isir dan l-appell, u jordna l-għotja tal-kunsens tal-istess Awtorità għat-talba tal-esponent;*

***It-Tieni Aggravju: Nuqqas ta' Kunsiderazzjoni Xierqa tal-Pretiż Jedd ta' Passaġġ ta' Terzi***

*15. Illi fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità sostniet li waħda mir-raġunijiet li fuqhom hija ċaħdet it-talba tal-esponenti kienet billi l-propost żvilupp u installazzjoni ta' xatba kien ser iwassal biex jiġu preġudikati d-drittijiet ta' passaġġ ta' terzi fuq l-imsemmija art.*
*16. Illi bid-dovut rispett tali raġuni hija mhux biss skarna minn kwalsiasi motivazzjoni iżda hija addirittura waħda abbużiva u meħuda lil hinn mill-kunsiderazzjonijiet xierqa li kienu jmissu lill-Awtorità,*

*17. Illi qabelxejn id-deċiżjoni fiha nfisha ma tagħmel ebda referenza għal min huma t-terzi li suppost għandhom dan il-jedd ta' passaġġ u wisq anqas ma tidentifika minn fejn joriġina dan il-jedd u kif għandu jimpinġi fuq il-lokazzjoni kuntrattata mill-esponenti.*

*18. Illi di piu', u b'mod tassew sorprendenti, dan l-allegat jedd ta' passaġġ ma jiffigura mkien fuq il-kuntratt lokatizju li permezz tiegħu l-esponenti ngħataw it-titolu fuq l-art in kwistjoni.*

*19. Illi qari tal-kuntratt in kwistjoni ma jgħid imkien u fl-ebda klawżola li l-art hija soġġetta għal xi dritt ta' passaġġ ta' terzi u għalhekk hija tassew assurda l-pretensjoni li tali jedd - jedd tabilħaqq ta' terzi mhux magħrufa u arġinat fuq sors okkult - għandu jservi biex ixekkel, jikkundizzjoni u jnaqqas it-tgawdija tal-esponenti fuq l-art lilhom mikrija!*

*20. Illi bid-dovut rispett, kemm-il darba l-esponenti kien ser ikollhom l-lokazzjoni tagħhom soġġetta għad-drittijiet ta' passaġġ ta' terzi dan kellu jkun espliċitament imniżżel bħala kundizzjoni fil-kirja, b'dan li kieku dan kien il-każ allura l-esponenti ma kinux jidħlu għall-kirja sa mill-bidu!*

*21. Illi effettivament il-fatt li l-Awtorità qiegħda tikkundizzjona l-użu u t-tgawdija tal-esponenti fuq l-art lilhom mikrija minħabba pretiż jedd ta' terz mhux magħruf u jedd li mkien ma jirriżulta fil-kuntratt lokatizju ma jistax ħlief isarraf fi ksur manifest tal-aktar obbligu bażilari inkombenti fuq sid f'kuntratt ta' kera - ossia l-garanzija tal-paċifiku pussess u tgawdija tal-proprjeta' mikrija!!*

*22. Illi tabilħaqq, u hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri, fil-mument li l-esponenti ffirmaw il-kuntratt lokatizju huma kienu ġew verbalment assigurati mill-uffiċjali fi ħdan l-Awtorità li l-art mikrija ma kinitx ser tkun soġġetta għall-ebda dritt ta' passaġġ ta' terzi, b'dan li l-gabillotti fil-viċinanzi taż-żona kellhom biss jedd ta' passaġġ fuq porzjoni oħra adjaċenti tal-art iżda li ma kinitx mertu tal-kirja in kwistjoni.*

*23. Illi fil-fatt it-terzi li jokkupaw l-artijiet adjaċenti għal dik in kwistjoni għandhom dritt ta' passaġġ u aċċess għall-artijiet tagħhom tramite toroq pubbliċi u b'modalitajiet varji, b'dan li lanqas ma jista' qatt jiġi argumentat li l-jedd ta' passaġġ minn fuq l-art mikrija lill-esponenti hija l-unika modalita' t'aċċess eżistenti! Anzi dan huwa ferm 'il bogħod mir-realta'.*

*24. Illi għalhekk jidher li l-Awtorità mmotivat iċ-ċaħda tagħha tat-talba tal-esponenti abbażi ta' kunsiderazzjonijiet li ma kinux xierqa u li ma setgħu qatt iservu bħala raġunijiet validi għad-deċiżjoni in kwistjoni.*

*25. Illi anzi jingħad li f'korrispondenza li l-esponenti kellhom mal-legali tal-Awtorità kien saħansitra ġie lilhom ikkonfermat li ebda terz ma kellu jedd ta' passaġġ fuq l-art mikrija, u dan anki permezz ta' ittra mibgħuta mil-legali tal-Awtorità lill-esponenti u datata nhar il-5 ta' Mejju, 2020.*

*26. Illli għalhekk huwa aktar u aktar sorprendenti l-fatt li l-Awtorità spiċċat biex ċaħdet it-talba tal-esponenti abbażi ta' tali motivazzjoni!*

***It-Tielet Aggravju: Nuqqas ta' Kunsiderazzjoni Xierqa tal-Valur Storiku tas-Sit***

*27. Illi fl-aħħar jingħad li l-Awtorità ma kkunsidratx b'mod xieraq il-valur storiku u l-potenzjal li għandha l-art in kwistjoni, tant li l-esponenti jixtieqų li jinvestu f'tali art biex 'il quddiem din tkun tista' titgawda minn kulħadd, u din flok tibqa' żdingata bħala sempliċi sit fejn il-gabillotti tal-madwar jipparkeġġjaw il-vetturi tagħhom!*

*28. Illi dan qed jingħad għax bl-iżvilupp propost mill-esponenti huma kienu sejrin jinvestu eluf ta' Ewro biex itejbu ambjenti ta' valur storiku, inkluż strutturi mibnija fi żminijiet it-Tieni Gwerra Dinjija, u dan minflok tali siti ta' patrimonju nazzjonali jinżammu fi stat dilapitat u abbandunat - ossia xejn aktar minn parkeġġ għat-trakkijiet!*

*29. Illi jidher li minn dan kollu l-Awtorità ma kkunsidrat xejn u waqfet billi ċaħdet it-talba tal-esponent abbażi ta' kunsiderazzjonijiet mhux motivati u msejsa fuq raġunijiet li ma jsibu ebda comfort fattwali jew legali - u dan hekk kif spjegat aktar 'il fuq.*

*30. Illi għalhekk ukoll l-esponenti jħossuhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità u jemmnu li konsiderazzjoni aktar xierqa tat-talba tagħhom kellha tintlaqa' anki abbażi ta' dak hawn sottomess.*

***Konklużjoni***

*Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jinterponu dan l-umli appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata kif fuq premess, u filwaqt li jirriservaw li jressqu l-provi tagħhom in sostenn ta' dan l-appell jitolbu umilment li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u/jew jirrevedi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet datata d-9 ta' Ottubru 2020 u tordna l-kunsens tal-Awtorità tal-Artijiet għall-applikazzjoni b'referenza numru PLA1/2020/2299 u/jew tagħti dawk il-provvedimenti kollha neċessarji fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** datata 17 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' Lawrence Pavia K.I 552459M u martu Georgina Pavia K.I 218660M*

2. *Illi r-rikorrenti għandhom titlu ta' lokazzjoni għal 15-il sena b'valur ta' tlett mija u mitt euro fis-sena ( €3,100), b'reviżjoni skont l-Indiċi tal-Inflazzjoni jew b'għaxra fil-mija (10%), skont liema jkun ogħla kull ħames snin; skont id-dokument anness u mmarkat **Dok A**, kif ukoll skont il-kundizzjoni tal-kirja, dokument anness u mmarkat **Dok B***

3. *Illi din il-lokazzjoni ġiet assenjata permezz ta' sejħa għall-offerti għall-kiri tal-fon suċitat, Avviż Nru143 , datat tnax (12) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019), dokument anness u mmarkat **Dok Ċ***

4. *Illi r-rikorrenti applikaw permezz ta' PLA1/2020/2299 biex ai termini ta' Artiklu 71(4) ta' Kapitlu 552 tal-Liġijiet ta' Malta fuq is-sit inkwistjoni jsir fuqu 'Proposed rehabilitation of existing site including proposed gate and closing of an opening in the existing rubble wall;*

5. *Illi l-Awtorità tal-Artijiet irrifjutat din l-applikazzjoni a bażi ta'*
    a. *The Proposed works are not compliant with the conditions of the current Agricultural Lease Agreement (qbiela) prevailing over the site*
    b. *Proposed Gate will adversely affect third party right*

6. *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u interpona dan l-Appell*

7. *Illi bid-dovut rispett l-Awtorità tal-Artijiet ma taqbilx ma' dan l-Appell minħabba is-sussegwenti raġunijiet :-*

***Raġunijiet biex jiġi miċħud l-Appell***

I. *Illi **Artikolu 7(2) (c) tal-Kapitolu 563** tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċar illi sta għall-Awtorità tal-Artijiet biex "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-*

*isfera pubblika" u għaldaqstant l-Awtorità kienet fid-drittijiet pjeni tagħha li tieħu tali deċiżjoni*

***L-Ewwel Aggravju : Nuqqas ta' Motivazzjoni Xierqa***

II. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjoni tagħha fuq żewġ raġunijiet;*

***It-Tieni Aggravju : Nuqqas ta' Konsiderazzjoni Xierqa tal-Pretiż Jedd ta; Passaġġ ta' Terzi***

III. *Illi l-Jedd ta' Passaġġ ta' Terzi qiegħed imsemmi b'mod ċar fl-Avviż Numru 143, immarkat **Dok Ċ** , publikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-tnax ta' Lulju elfejn u dsatax , u li a bażi tagħha ir-rikorrenti issottomettew l-offerta tagħhom, li jgħid hekk*
*'Dan is-sit huwa soġġett għad-dritt ta' passaġġ a favur ta' propjeta adjaċenti. Kwalunkwe żvillupp i jsir fuq is-sit irid jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità tal-Artijiet'*

IV. *Illi r-rikorrenti, iffirmaw dikjarazzjoni, hawn annessa **Dok A**, li biha iddikjaraw 'li jafu bil-kundizzjoni attwali tal-fond'*

***Eċċezzjonijiet ulterjuri***

V. *Illi l-Awtorita tinnota li r-rikorrenti qed jeċepixxu ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' lokazzjoni mill-Awtorità , minħabba li qed jingħad li qed jinkiser il-paċifiku pussess*

VI. *Illi l-Awtorità teċepixxi li din l-eċċezzjoni tista' tinstema quddiem dan l-Onorabbli Tribunal stante li l-kuntratt ta' lokazzjoni nnifsu jirregola kwalunkwe tilwima fuq il-kundizzjonijiet tal-kuntratt a bażi ta' Klawsola tlieta u għoxrin (23) tal-kuntratt ta' lokazzjoni , **Dok B**, fejn ġie stipulat li :*
*'Kull tilwima , kontroversja jew talba li toħroġ jew li għandha x'taqsam ma'dan il-kuntratt jew jsur, terminazzjoni jew invalidita; ta' dan il-kuntratt għandha tiġi deċiża permezz ta' proċedimenti ta' arbitraġġ skont it-Taqsima IV Arbitraġġ Domestiku tal-Att dwar –Arbitraġġ ta' Malta u r-Regoli tal-Arbitraġġ taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta kif inhu fis-seħħ*

VII. *Illi inoltre Klawsola 6 tal-Kuntratt ta' lokazzjoni tistipula li Kwalunkwe żvillupp li jsir fuq is-sit irid jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità tal-Artijiet. Illi dan ifisser li filwaqt li kerrej huwa obbligat li ifittex l-Approvazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, l-Awtorità tal-Artijiet minn naħa l-oħra mhijiex obbligata li taċċetta tali applikazzjoni , imma meta tirrifjuta dawn l-applikazzjonijiet tkun qed taġġixxi skont id-drittijiet u l-obbligi tagħha*

VIII. *Illi l-esponenti Awtorità tirriserva d-dritt li tippreżenta' raġunijiet oħra waqt is-smigħ ta dan l-Appell*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet elenkati hawn fuq, l-esponenti Awtorita titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mir-rikorrenti, filwaqt li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet."*

Ra illi fil-11 ta' Marzu 2021 ingħatat sentenza dwar jekk dan il-każ kellux jinstema' quddiem dan it-Tribunal jew miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fejn ġie deċiż illi l-proċeduri kellhom jissoktaw quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra datata 9 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha ġew infurmati li l-applikazzjoni tagħhom għal *"proposed rehabilitation of existing site including proposed gate and closing of an opening in the existing rubble wall"* kienet qiegħda tiġi rifjutata minħabba s-segwenti raġunijiet, u ċioe`:

- *the proposed works are not compliant with the conditions of the current Agricultural Lease Agreement (qbiela) prevailing over the site*
- *Proposed gate will adversely affect third party rights of passage.*

Illi mill-atti jirriżulta illi fit-8 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrenti kienu ġew konċessi kirja mingħand l-Awtorità intimata ta' sit u strutturi fil-Marnisi Area, limiti ta' Marsaxlokk u dan kif jirriżulta minn Dokument A a fol.19 *et sequitur* tal-proċess. Illi wara li ħadu l-imsemmija kirja, ir-rikorrenti talbu l-approvazzjoni tal-Awtorità intimata sabiex ikunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fejn kienu qegħdin jipproponu li jinstallaw xatba, jagħlqu fetħa eżistenti f'ħajt tas-sejjieħ u wkoll jibnu ġiebja u struttura żgħira tal-injam bħala faċilità sanitarja. In oltre talbu wkoll sabiex jibdlu saqaf ta' struttura li kienet eżistenti qabel l-1967 u jutilizżaw l-istess struttura bħala *studio* ta' artist.

**Ir-rikorrent Lawrence Pavia** jispega illi wara li ssottomettew l-offerta tagħhom, liema offerta ġiet aċċettata, huma kienu għamlu kuntatt mal-Awtorità intimata sabiex jikkonfermaw illi d-dritt ta' passaġġ imsemmi fis-sejħa għall-offerti kien jirreferi għall-arja mmarkata bil-blu fuq il-pjanta ppubblikata mal-istess sejħa. Sussugwentement huma kellhom konferma li dan kien il-każ. Għaldaqstant ipproċedew biex jiffirmaw il-kuntratt. Dan ġie kkonfermat ukoll dakinhar li ġie ffirmat il-kuntatt mill-uffiċjali tal-Awtorità intimata. Spjega li wara li ħadu pussess tas-sit huma bdew inaddfuh fejn innutaw li kien hemm bidwi li kien jgħaddi minn fuq is-sit in kwistjoni anke jekk kien

hemm aċċess minn toroq pubbliċi oħra, jew mill-parti mmarkata bil-blu fuq il-pjanta annessa mas-sejħa għall-offerti. Ix-xhud spjega illi huwa xtaq jirranġa l-ħitan tas-sejjieħ li kienu ġġarfu u jirranġa saqaf li kien se jiġġarraf filwaqt li jagħmel xatba. Spjega wkoll li l-istruttura eżistenti xtaq li jagħmilha *studio* tal-arti għalih u sabiex ikollu fejn iżomm l-għodda tal-agrikoltura.

**L-Avukat Carmel Cascun** xehed illi huwa kien preżenti meta l-konjuġi Pavia iffirmaw il-kuntratt mal-Awtorità intimata. Jispjega illi qabel ġie ffirmat il-kuntratt, Lawrence Pavia kien staqsa lil wieħed mill-uffiċjali preżenti jekk huma bħala inkwilini għandhomx id-dritt esklussiv tal-kamra u l-għalqa li kienu se jikru. L-istess uffiċjal qallu li s-sit delinejat l-aħmar huwa għall-użu biss tal-kerrej mentri l-parti delinejata bil-blue kienet passaġġ b'użu komuni inkluż minn terzi apparti l-konjuġi Pavia.

**Eric Pavia Bartoli** spjega illi huwa kien jikkomunika mal-Awtorità intimata għan-nom tar-rikorenti fejn talab konferma li ħadd ma kellu dritt ta' aċċess minn fuq is-sit in kwistjoni. B'risposta għal din it-talba wieġbet Dr. Carina Nagiah li infurmatu li l-kuntratt huwa ċar u li m'hemm bżonn tal-ebda kjarifika.

**Il-Perit Philip Mifsud** spjega illi l-uffiċċju tiegħu kien ġie nkarigat mir-rikorrenti sabiex iħejji pjanti tax-xogħol propost u wkoll sabiex isiru l-applikazzjonijiet neċessarji mal-awtoritajiet konċernati. Ix-xhud spjega illi fuq is-sit kien hemm evidenza li kienet qiegħda tintuża bħala passaġġ.

**Norton Chalker,** uffiċjal tal-Awtorità intimata, spjega illi huwa kien ħejja rapport dwar it-talba tar-rikorrenti fejn kien irrakomanda li t-talba għall-bini ta' ġiebja u li jsir ristrutturar fuq il-binja eżistenti tiġi milqugħa, filwaqt li rrakomanda li x-xatba u l-bini tal-ħajt tas-sejjieħ ma jiġux approvati peress li kien hemm dritt ta' passaġġ favur proprjetà adjaċenti. Spjega wkoll illi kienet saret korripondenza mal-Awtorità intimata da parti tal-Perit Karm Farrugia għan-nom ta' ċertu Cassar rigward dritt ta' passaġġ minn fuq is-sit in kwistjoni. Jispjega wkoll illi r-rikorrenti wkoll kienu kkomunikaw mal-Awtorità qabel ressqu l-applikazzjoni odjerna. Spjega li għan-nom tar-rikorrenti kien kiteb ċertu Eric Bartolo li kien bagħat *aerial photo* fejn wera l-passaġġ li kien qiegħed jippretendi t-terz.

**Ikkunsidra:**

Illi jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti ġiet rifjutata abbażi ta' żewġ raġunijiet, u ċioe`:

1. Illi x-xogħolijiet proposti ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet tal-qbiela fuq is-sit; u
2. Ix-xatba li kienet qiegħda tiġi proposta kienet se taffetwa ħażin id-dritt ta' passaġġ ta' terzi.

**<u>L-ewwel raġuni – xogħolijiet mhux konformi mal-kundizzjonijiet tal-qbiela</u>**

Illi t-Tribunal fela sew il-kuntratt ta' kera ffirmat bejn il-partijiet fit-8 ta' Ottubru 2019. Minn dan il-kuntratt jirriżulta illi l-oġġett tal-kuntratt kien il-kiri ta' "sit u strutturi fil-Marnisi Area ta' Marsaxlokk muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 298_66_A_2". Illi din il-pjanta li tinsab esebita a fol. 67, liema pjanta turi sit delinejat bl-aħmar u sit immarkat bil-blu. Huwa paċifiku li s-sit immarkat bl-aħmar huwa s-sit in kwistjoni filwaqt li s-sit immarkat bil-blu huwa deskritt fuq l-istess pjanta bħala "right of access". Illi fl-istess pjanta m'hemm l-ebda indikazzjoni illi s-sit immarkat bl-aħmar għandu xi passaġġ favur terzi fih.

Illi minn qari tal-istess kuntratt jirriżulta wkoll illi l-istess sit ma jistax jintuża għal skopijiet residenzjali. Jirriżulta li din hija l-uniku projbizzjoni imposta fuq l-użu tal-istess sit. Kwindi it-Tribunal jinnota illi meta fid-deċiżjoni appellata ssir referenza għal "Agricultural Lease Agreement (qbiela)" dan huwa fattwalment żbaljat. Il-kirja *de quo* mhix kirja agrikola iżda kirja ta' sit u strutturi fejn l-uniku projbizzjoni ta' użu hija dik residenzjali. Kwindi jirriżulta illi l-Awtorità intimata, meta ġiet biex tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti, telqet fuq sieq żbaljata meta ikkunsidrat il-kirja *de quo* bħala waħda ta' qbiela.

Illi mir-rapport tal-*case officer* report jirriżulta illi kien hemm rakkomandazzjoni favorevoli fir-rigward tar-ristrutturar tal-istruttura u tal-bini ta' ġiebja. Madankollu din il-konsiderazzjoni ġiet skartata għal kollox meta t-talba ġiet deċiża mill-Awtorità, u dan bla ma ngħatat l-ebda raġuni plawsibbli.

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-kuntratt tal-kirja, ir-rikorrenti huma obbligati li jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa. Jirriżulta illi l-istruttura li hemm fil-post għandha bżonn manutenzjoni biex ma tiġġarrafx. Il-fatt li dan is-sit inkera mhux bi qbiela ifisser illi r-rikorrenti jistgħu jutilizżawh kif jixtiequ huma, sakemm ma jużawhx bħala fond residenzjali. Il-fatt li r-rikorrenti jridu jagħmlu *artist studio* biex jeżerċitaw id-delizzju tagħhom ma hux kunfliġġenti ma' l-ebda klawsola tal-kuntratt. Li jkun hemm faċilitajiet sanitarji li jikkumplimentaw l-ambjent rurali lanqas ma huma xi ħaġa li se tikser xi klawsola tal-kuntratt. Dan dejjem soġġett imbagħad għall-iskrutinju tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata għaċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti hija legalment skorretta.

**<u>It-tieni raġuni – dritt ta' passaġġ ta' terzi</u>**

Illi jirriżulta illi d-deskrizzjoni tas-sit fis-sejħa għall-offerti kienet is-segwenti:

"Kiri *tale quale* mhux għal skopijiet residenzjali tas-Sit u l-Istrutturi fil-Marnisi *Area* limiti ta' Marsaxlokk kif muri b l-aħmar fuq il-pjanta P.D. 298_66_A_2. **Dan is-sit**

**huwa soġġett għad-dritt ta' passaġġ a favur ta' proprjetà adjaċenti**. [1] Kwalunkwe żvilupp li jsir fuq is-sit, irid jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità tal-Artijiet."[2]

Madankollu meta ġie redatt il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet id-deskrizzjoni ta' dan is-sit kienet is-segwenti, u ċioe`:

**"Sit u l-Istrutturi fil-Marnisi *Area* limiti ta' Marsaxlokk kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 298_66_A_2."**

Illi l-pjanta hija komuni kemm għas-sejħa għall-offerti u kemm għall-kuntratt. Jiġi osservat illi fil-kuntratt ma jissemma l-ebda dritt ta'passaġġ fuq is-sit a favur ta' terzi. Di piu` ir-rikorrenti, u terzi, xehdu bil-ġurament illi qabel ma ffirmaw il-kuntratt huma staqsew jekk fuq l-istess sit jeżistix xi dritt ta' passaġġ u l-uffiċjali tal-Awtorità weġbuhom fin-negattiv.

Illi dak li jorbot lill-partjiet huwa dak li hemm stipulat fil-kuntratt iffirmat fit-8 ta' Ottubru 2019. Fl-istess kuntratt, kif ġià ingħad, ma ssir referenza għall-ebda dritt ta' passaġġ ta' terzi ħlief għall-pjanta annessa mal-istess kuntratt li turi dritt ta' passaġġ fuq barra tas-sit in kwistjoni. Illi għalhekk, meta r-rikorrenti daħlu għall-kuntratt *de quo* huma ma intrabtu li jagħtu l-ebda dritt ta' passaġġ lil terzi minn fuq is-sit mikri lilhom.

Illi jirriżulta b'mod ċar illi l-għelieqi fil-madwar għandhom aċċess adegwat minn bnadi oħra u li m'hemm l-ebda bżonn li biex wieħed jidħol fl-għalqa adjaċenti għas-sit in kwisjtoni jgħaddi minn fuq dan is-sit. Skont dak li jirriżulta mill-provi, it-terzi li qegħdin jippretendu dan id-dritt ta' passaġġ kienu wkoll issottomettew l-offerta tagħhom għas-sit in kwistjoni. Jista' jkun li qabel ma s-sit ġie aġġudikat favur ir-rikorrenti huma ħolqu xi tip ta' passaġġ, pero` dan bl-ebda mod ma jidher li kien ġie konċess mill-Awtorità tal-Artijiet jew mill-predeċessuri tagħha. Għallinqas dan it-Tribunal ma ġie fornit bl-ebda prova dwar dan.

Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, anke t-tieni raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata hija waħda li m'għandha l-ebda bażi legali. Kemm il-pjanta annessa mas-sejħa għall-offerti u kemm dik annessa mal-kuntratt ma jindkaw l-ebda dritt ta' passaġġ fuq is-sit in kwisjtoni u kwindi r-rikorrenti m'hu se jkunu qegħdin ifixklu l-ebda aċċess ta' terzi jekk huma jkomplu jibnu l-ħajt tas-sejjieħ u jinstallaw xatba biex jagħlqu l-konfini tas-sit in kwistjoni.

Finalment it-Tribunal jirrileva illi l-kompetenza tiegħu hija biss waħda ta' reviżjoni u għalhekk ma jistax jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fit-totalità tagħhom stante li huma qegħdin jitolbu wkoll li t-Tribunal jordna lill-Awtorità tagħti l-kunsens tagħha għal dak li qegħdin jitolbu.

[1] Enfasi tat-Tribunal
[2] Dokument A a fol. 135

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrenti limitatament fir-rigward tat-talba tagħhom sabiex id-deċiżjoni appellata tiġi annullata u revokata iżda mhux qiegħed jilqa' t-talba biex jissostitwixxi d-diskrezzjoni mħollija f'idejn l-Awtorità intimata, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Awtorità intimata.

Spejjeż a karigu tal-Awtorità intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**